# Beati u Qaddisin....Lulju

## SAN RAJMOND ZANFOGNI

## 27 ta' lulju

Ommu mietet meta kienet gejja lura flimkien mieghu mit-Terra Santa. Rajmundu zaghzugh ta' hmistax-il sena wasal wahdu gewwa Piacenza u rega' qabad ix-xoghol ta' skarpan. Aktar tard hu zzewweg u kellu hamset itfal li mietulu fi zmien qasir. Twelidlu iehor qawwi u shih, Geraldu, imma dan safa' ofrni minn ommu meta kien zghir. Tal-familja kienu jghinuh biex irabbih.

Mar pellegrinagg gewwa San Gakbu minn Compostela, u fuq il-qabar ta' Santu Wistin gewwa Pavia. Imbaghad minn Ruma mar it-Terrassanta. Imma rega' lura gewwa Piacenza billi hass id-dmir li jghin u jahseb fil-fqar ta' beltu.

Meta wasal gewwa Piacenza ra li kien zmien ta' gid u prosperita'. Fis-sena 1095 Urbanu II zamm Koncilju go dil-belt. Imma faqar kien hemm ukoll. Rajmundu haseb li l-ghajnuna lill-fqar kienet ahjar mill-pellegrinaggi gewwa t-Terra Santa. Xammar il-kmiem u mill-ewwel ghajnuna waqqaf djar ghal min ma kellux u postijiet ghall-morda. Biex wasal ghal dan l-ghajn huwa kien imur jitlob, u jinsiti li jghinuh biex ikompli dawn l-opri tal-hniena. Kien jaghmel wiccu ma' dawk li setghu jaghmlu xi haga u kienu jibqghu passivi, kien imur ghand dawk li setghu jaghtu u jibqghu lura fl-offerti taghhom. Kien jiehu hsieb ta' tfal zghar abbandunati u jiddefendi lil dawk li kellhom jaghtu, isib kenn li minn ma kellux saqaf taht rasu u sahansitra jsib ir-ragel lil dik il-mara li xtaqet tizzewweg.

Lil kulhadd kien jghallem id-duttrina nisranija, fid-djar, fit-triq u anke fuq il-postijiet tax-xoghol. Pero' mhux fil-knisja; ghal lajk bhalu li ma kienx jaf skola il-knisja kienet post ta' talb u daqshekk. Bil-hegga tieghu qanqal il-qlub ta' min kien fid-dover li jghinu. Hadem biex iwaqqaf kunflitt bejn Piacenza u Cremona u spicca fil-habs tan-nies ta' Cremona li meta raw l-izball taghhom li arrestaw bniedem qaddis talbuh skuza u tawh il-helsien.

Huwa miet fost il-fqar fis-26 ta' Lulju 1200 u gie midfun f'kappella qrib il-knisja tat-Tnax l-Appostli. Malajr xterdet l-ahbar li bl-intercessjoni tieghu bdew isiru xi mirakli. Kellhom jghaddu 400 sena mill-mewt tieghu sabiex jigi kanonizat mill-papa Klement VIII fis-sena 1602. Is-Sorijiet tac-Cistercensi ta' Nazaret laqghu r-relikwarju tal-gisem tieghu ghall-qima tad-devoti tieghu.